MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# DISTRETT - RABAT (GHAWDEX)

## MAGISTRAT DR.
## GRIXTI GIOVANNI LL.D., LL.M.

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2002

Numru. 312/2001
Kawza Numru. 19

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech )**
**- vs -**
**Joseph Xuereb ta’ 17-il sena bin George u Frances nee Xuereb imwieled fit-3 ta’ Settembru 1983 u li joqghod Flat 2, Ramla Flats, Triq Dun Karlu Zimech, Nadur, Ghawdex.**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat akkuzat talli fit-8 ta’ Mejju 2001 ghall-habta tal-5:00p.m. fir-raba maghruf bhala Ta’ Kenuna limiti tan-Nadur, (1) garr arma tan-nar shotgun Luigi Franchi Nru U 05176 u munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, (2) spara ghal xi kacca minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija, (3) spara ghal xi kacca minghajr ma kien kopert b’polza ta’ assikurazzjoni kontra r-riskji ghal terzi persuni jew hsara fil-proprjeta` taghhom u minghajr ma kellu

rakkomandazzjoni minn xi ghaqda, kostitwita skond il-ligi li tirraprezenta l-kaccaturi, (4) garr l-istess arma tan-nar u kkaccja minghajr ma kellu fuqu l-Karta ta' l-Identita` tieghu u licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija, (5) garr l-istess arma tan-nar ikkargata u barra mill-ghata taghha u spara arma tan-nar waqt li kien anqas minn 200 metru minn kwalunkwe belt jew rahal, (6) kellu fil-pussess tieghu l-istess arma tan-nar b'magazine li jista' jkollu aktar minn zewg skratac fl-istess hin, (7) garr l-istess arma b'aktar minn zewg skratac f'daqqa fil-magazine, (8) garr u kellu fil-pussess tieghu skratac ikkargati b'xi comb ta'daqs aktar minn 3.2 mm f'dijametru.

Semghet il-provi u l-ammissjoni;

Fuq ammissjoni ssibu hati;

Rat l-artikoli 3 (1A) tal-Kap 66, 7, 8, 9(4) (5), 19 u 25 ta' l-Avviz Legali 146/95 u Avviz Legali 145/93.

Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 37 tal-Kap 9 tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' mitt lira Maltin (Lm100) stante li l-piena ta' prigunerija, l-aktar wahda gravi imponibbli bil-Kap 66, ghandha titnaqqas bi grad.

Tornda l-konfiska tas-senter u skratac esebiti u tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tal-kacca ghal zmien sena minn meta jaghlaq it-tmintax-il sena.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur